CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

It- Tnejn, 20 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.09pm.

**15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

15.1.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-Kunsilliera Camile Scerri bgħatet tinfurmah li kienet tinsab indisposta u talbet lill-Kunsill li tiġi skuzata

15.1.2 Il-Kunsill aċċetta t-talba tiegħu u ġie skuzat

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

15.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tlettax il- Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

15.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**15.3 Komunkazzjoni tas- Sindku**

15.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward ta' Għajn Hamiem, huwa kellem lill-Perit Fsadni mill-MTA fejn infurmah li sakemm il-Kunsill ma jkollux f'idejh bil-miktub mis-sidien privati li x-xogħolijiet jistgħu isiru mill-Gvern Ċentrali, ma jista' jsir ebda intervent.

15.3.1.1 Is- Sindku sostna li bħala Kunsill qed nagħmlu minn kollox biex dawn ix-xogholijiet fuq l-għajn jibdew kemm jista' jkun malajr pero' ma jiddependix minna imma minn kemm ikunu disposti s-sidien li dan l-intervent isir kemm jista' jkun malajr.

15.3.2 Is- Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport dettaljat mħejji mill-Periti tal-Kunsill, ARC Studio fuq is-stat tal-pavimentar li jinsab fih ġewwa l-Mdina. Dan ir-rapport ser jiġi pprezentat lil *Infrastructure Malta* għal kunsiderazzjoni tagħhom biex isir l-intervent neċessarju fuq dan il-pavimentar.

15.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser jibdew fuq ix-xogħolijiet fuq il-*fencing* ta' madwar Howard Gardens.

15.3.4 Is- Sindku xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-bins il-ġodda li jinsabu f' Howard Gardens il-qiegħ tagħhom beda jitmermer u għandu jiġi nfurmat il-kuntrattur biex isir manutenzjoni tagħhom

15.3.5 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-permess għal-xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq playingfield ġie approvat mill-Awtorita' ta' L- Ippjanar.

15.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li tqabbad electrician ġdid biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl.

15.3.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li d-Direttorat tar-Restawr ser joħroġ sejħa pubblika għall-offerti biex isir ir-restawr fuq il-Mina tal-Madonna u il-Knisja ta' San Nikola. Fil-futur ukoll ser isiru xi xogħolijiet fuq il-Mina tal- Grieki minn ġewwa.

15.3.8 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fix-xhur li ġejjn ser jibdew ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq il-Bridge ta' L-Imtarfa liema xogħolijiet ser isiru mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

15.3.9 Is- Sindku wera' t-tħassib tiegħu u tal-Kunsill fuq is-suppost proġett għal bini ta' lukanda fit-Telgħa tas- Saqqajja għaliex qiegħed fil-għama fuq x'inhu għaddej fuq dan il-proġett. Sadanittant huwa kellem lill- Perit tal-Kunsill biex isegwi l-andament ta' dan il-proġett.

**15.4 Management Letter- Risposta tal-Kunsill**

15.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tal-Management Letter ta' l-Awdituri. (Meħmuz) kif ukoll draft ghar-risposta tal-Management Letter

15.4.2 Wara diskussjoni qasira s-Sindku ppropona li din tigi mwiegba skont ir-risposta proposta. (meħmuż). Il-Kunsill qabel unanimament

**15.5 Kwotazzjonijiet għal Website tal-Kunsill- approvazzjoni**

15.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-Kamra l-kwotazzjonijiet li ġew sottomessi fejn dawk li tefgħu l-offerta tagħhom kienu sittax (16). Il-Kunsill ddeċieda li jagħzel l-irhas offerta li kienet ta' Webee Ltd għas-somma ta' € 1300 (ex VAT)

**15.6 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

15.6.1 Emajl minħand MHSE- Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar " Community Policying fil-Lokalita' Tiegħek"

15.6.2 Il-Kunsill gie mgħddi l-firem tar-residenti li joqgħdu it- Triq Tas- Saqqajja fejn ma jsibux oġġezzjoni li kull nhar ta' Ħamis isiru live music evenings organizzata mir-restaurants li jnsabu fit-Taraġ tas- Sqqajja. Il-Kunsill approva dan il-permess.

15.6.3 Il- Kunsill rċieva xi talbiet mir-Restaurant Fork and Cork biex fosthom isir ir-restawr tal-ħajt tat-taraġ fit-Telgħa tas- Saqqajja u jsiru xi railings fit taraġ. Il-Kunsill ser imexxi sawn it-talbiet lill-Awtoritajiet kompetenti għal kunsiderazzjoni tagħhom.

**15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

15.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-20 ta’ Lulju 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 23,595.29

15.7.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ser tiġi iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**15.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

15.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.15pm u ġiet aġġornata għal-10 ta’ Awwissu 2020 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________ | ____________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 10-08-2020________